Minuti tal-Laqgħa Nru. 14 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 18 t' Ottubru 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Martin Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt<br>Is-Sur. Gejtu Calleja<br>Is-Sur. Raymond Ellul |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

- Qari tal-minuti tal-laqgħa ta qabel
- Punti mqajjma mill-minuti
- Xogħolijiet
- Korrispondenza
- Egħluq il-laqgħa

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-minuti inqraw u ġew ikkonfermati.

## 2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sur. Borg semma li kien hemm warden li qaltlu lilu li t-tabelli li jindikaw li l-exhaust pipes m' għandhomx jipparkjaw ġewwa lejn il-bibien. Il-warden qalet li dawn il-persuni jitilgħu t-tribunal jistgħu jikkontestaw din iċ-ċitazzjoni u jwaqqgħuha. Is-Segretarju wieġeb li t-tabelli juru kif għandu jsir il-parkeġġ u m hemmx lok ta diskussjoni dwar dan.

2.2 Is-Sur. Ellul semma li meta kien diskuss it-tarmac li kellu jsir fi Triq il-Vitorja kien diskuss wkoll li kellha ssir dik il-parti tal-bidu ta Triq Wied in-Noqor fl-istess mument. Is-Segretarju wieġeb li kien se jiċċekkja fuq din.

## 3. XOGĦOLIJIET

3.1 Ic-chairperson qal li rigward il-parkeġġ ta Triq il-Vitorja dan għandu jsir faċċatta tad-djar biex ma joħloq l-ebda inkonvenjent għar residenti li għandhom il-garaxxijiet f' dik it-triq. Is-Sur. Saliba qal wkoll biex jerġa jitpoġġa f' postu il-ġebel li kien twaqqa meta saret Triq il-Vitorja.

3.2 Is-Sur. Saliba semma wkoll li jrid jiġi rranġat sprall tal-ħadid li hemm fi Triq Wied in-Noqor u li bħalissa huwa mgħawweġ.

3.3 Is-Sur. Ellul semma li hemm bżonn li jsiru xi slow signs fejn hemm id-daħliet għal Triq Wied in-Noqor.

3.4 Is-Sur. Gatt qal li hemm bżonn li jsiru residential parking schemes viċin ta fejn joqgħod hu. Is-Segretarju wieġeb li huma kienu diġa applikaw għal residential parking scheme u qed jistennew min naħa tat-Transport Malta.

3.5 Is-Sur. Ellul fakkar li kellu jitlesta ż-żbir li kien ippjanat fil-bandli.

3.6 Is-Sur. Gatt semma li hemm bozza fi Triq San Vinċenz de Paule li qed tinqata, sabiex tiġi rranġata.

3.7 Is-Sur. Saliba tkellem fuq pjanta tax-xewk viċin fejn joqgħod Martin li trid tinqala u anki jitgħatta fejn hemm il-ħofra li tagħti għal water culverts bil-kaptelli.

3.7 Is-Sur. Borg tkellem fuq bankina li tinsab kantuniera quddiem l-Express Trailers biex terġa titranġa peress li niżlet l-isfel ħafna.

3.8 Is-Sur. Ellul tkellem ukoll fuq bankina fejn hemm il-kappella biex din tiġi rranġata l-wiċċ tagħha.

3.9 Is-Sur. Gatt semma li Triq Wied il-Kbir hemm xi mirja li jridu jiġu mċaqalqin biex juru aħjar. Is-Segretarju qal biex isir spezzjoni fuq il-post u jara kif dawn l-aħjar li jitranġaw ruħhom.

**4. KORRISPONDENZA**

4.1 Is-Sur. Ellul semma li hemm bozza viċin fejn joqgħod huwa li mhux tixgħel, sabiex din tiġi rapportata.

4.2 Is-Sur. Ellul issuġġerrixxa biex il-karozza li kienet tgħaddi min Ħal Farruġ u fuq il-parti ta barra terġa tibda tgħaddi bir-rotta li kienet qabel. Is-Segretarju irrisponda li huwa kien diġa jaf b dan il-każ u li anki qed ikun hemm diversi nies jdumu jistennew il-karozza filgħodu. Huwa qal li kien diġa nforma lil min hu konċernat fuq dan. Fuq il-każ li semma s-Sur. Ellul, is-Segretarju rrisponda li se jibgħat lil min hu konċernat.

4.3 Is-Sur. Calleja semma li qed ikun hemm diversi ħmieġ li qed jitħalla mal-iskipijiet fuq barra u mhux jintrema kif suppost. Huwa semma li għandhom jintbagħatu ittri lir-residenti li joqgħodu fil-Blokok biex ma jħallux ħmieġ għax se jkun hemm aktar sorveljanza.

4.4 Is-Sur. Ellul saqsa jekk il-proġett li kien ippjanat għal bandli kienx iffinaliżat biex il-Kumitat jkun jista jiddiskuti xi proposti fuqu. Is-Segretarju semma li għadu fiż-żmien li jistgħu jsiru xi proposti.

4.5 Is-Sur. Gatt semma li tkun idea tajba jekk issir party fl-okkażżjoni tal-Milied għan tfal li hemm joqogħodu Ħal Farruġ. Is-Segretarju wieġeb li dan is-suġġett jista' jiġi diskuss aktar fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.

**Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar It-Tlieta 18 ta' Ottubru 2011 fis-7.00 p.m.**

.

Konfermati llum ______________________ 2011.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Raymond Saliba | Michael Portelli |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |